### IL-50 ANNIVERSARJU MILL-MEWT TA' MRO WILLIE ATTARD (1899-1970)

# Ħajtu, ħidmietu u x-xogħlijiet bandistiċi li ħalla bħala patrimonju

Fl-aħħar intervista li kont għamilt lil Mro Manoel Pirotta, pubblikata *fil-ħarġa ta' 'il-mument' tal-Ħadd*, 20 ta' Ottubru 2019, kif inhu xieraq fakkarna għeluq il-75 sena minn mewt ta' Mro Antonio Miruzzi (1867-1944), li kien wieħed mill-ġganti l-kbar tal-mużika bandistika ġewwa pajjiżna fl-ewwel nofs tas-seklu 20. Wieħed mill-ħafna alljievi promettenti li ħarġu minn taħtu huwa proprju Mro Willie Attard, li għal xi żmien kien l-assistent tiegħu, u li aktar tard laħaq minfloku bħala surmast direttur tal-Banda Ġużeppina Ħamruniża.

Kif se naraw f'din l-intervista, Mro Attard, għad li kiteb għadd sabiħ ta' marċi brijużi, fosthom l-immortali 'Il-Famuża Koppla', li tista' tgħid jindaqq mill-baned kollha Maltin, insibulu wkoll erba' innijiet kbar, u għadd kbir ta' bċejjeċ mużikali oħra għall-banda, fosthom innijiet tal-banda u oħrajn reliġjużi. Dan minbarra l-bosta arranġamenti mużikali mill-ħafna opri li huwa għamel għall-baned li kien imexxi.





Mro Willie Attard fuq ix-xellug ta' età żgħira, u fuq il-lemin jidderieġi l-Banda 'La Vittoria'

Peress li fl-2020 qed infakkru għeluq il-50 sena minn mewtu, Joseph Chetcuti ħa l-okkażjoni biex jintervista lil Mro Manoel Pirotta għall-gazzetta 'il-mument' biex itina aktar tagħrif dwar ħajtu u ħidmietu, u x-xogħlijiet bandistiċi sbieħ li ħallielna bħala patrimonju.

J.C.: Fl-2015 inti kont tellajt serata f'ġieħ Mro Willie Attard fis-sede tal-każin tal-Banda Ġużeppina Ħarmuniża, fejn dak iż-żmien kont surmast, fl-okkażjoni ta' għeluq il-45 sena minn mewtu, u li għaliha jien kelli l-unur kbir li nippreżentaha quddiem folla numeruża, fosthom ulied is-surmast. X'kien li ġiegħlek tibda tirriċerka u tikteb fuq dan is-surmast?

M.P.: Kif għedt tajjeb inti fl-introduzzjoni, l-ewwel darba li ddiriġejt xi ħaġa ta' Attard kienet proprju l-Innu Tifħir lil San Ġużepp fl-Agunija u fil-Glorja, liema festa sekondarja tiġi ċċelebrata fil-Ħamrun, organizzata mill-Banda Ħamruniża li ġġib l-isem tal-qaddis. Niftakar dakinhar, għad li fil-bidu ta' Mejju, għamel riħ kiesaħ u ma stajtx nidderiġih minn fuq il-partitura, u għaddejtu kollu bl-amment. L-Innu nkiteb speċifikament għal din il-banda, u għandu versi ta' Dun Frans Camilleri. Attard kien irregalahulha waqt serata mużikali ad unur tiegħu stess fl-okkażjoni tal-25 sena bħala surmast direttur ta' din is-soċjetà mużikali fl-14 ta' Ottubru 1954. Fl-istess programm kienu ndaqqew żewġ xogħlijiet oħra tiegħu: 'Scherzo Sinfonico Queen Elisabeth II' u 'Scherzo I Due Amici', bil-kwartin u klarinett in Sib bħala l-ħbieb solisti.

Kronoloġikament, dan il-innu jiġi r-raba' u l-aħħar wieħed minn sensiela ta' xogħlijiet li kiteb f'dan il-ġeneru. Qablu kiteb l-Innu l-Kbir 'A Maria Vergine' għall-Banda La Vittoria tal-Mellieħa, fuq versi tal-Avukat Ġorġ Zammit fl-1945; sena wara kiteb ieħor fuq versi ta' Giuseppe Serafin Cutajar, iddedikat lill-Madonna tas-Sokkors, li tiġi ċċelebrata *fil-parroċċa* ta' Ta' Kerċem, Għawdex, u li ndaqq għall-ewwel darba fl-okkażjoni tal-100 sena mit-tqegħid tal-ewwel ġebla tal-parroċċa; u ieħor bl-isem ta' 'Alla B.V. Maria Assunta in Cielo', ukoll fuq versi tal-poeta Għawdxi, li żżanżan fil-festa ta' Santa Marija, taż-Żebbuġ, Għawdex, fl-1949.

Wieħed malajr jinnota li minn erba' innijiet kbar, tlieta huma Marjani.

**X'nifhmu b'innu kbir?**

Bħala ġeneru, innu di gloria, innu solenni, innu tifħir, jew sempliċement innu kbir kollha jirreferu għall-istess ħaġa u li kollha għandhom minn kantata f'repertorju klassiku, li jikkonsisti f'xogħol mużikali għall-banda, solisti u kor, aktarx b'tema reliġjuża marbuta mal-ħajja tal-qaddis/a li għalih/a tkun qed issir il-festa. Iżda l-aktar li jispikkaw fih huma l-vuċijiet solisti b'dak il-kant operistiku tagħhom fi stil bel canto, li min-naħa tagħhom joffru passaġġi pjuttost elaborati, u li jinkludu xalata ta' arji, dwetti, saħansitra terzetti. Fih ma jonqsux ukoll xi solijiet jew kadenzi fuq xi strument jew ieħor, u fanfarri li jannunzjaw il-miġja ta' xi waqt importanti. Xogħol bħalma hu dan ikun jirrikjedi tip ta' melodija, li bi ħlewwitha tagħraf tpaxxi 'l-widna, armonija mħaddma tajjeb, imżewwaq b'akkordji mhux tassoltu, u orkestrazzjoni rikka ħalli x-xogħol joħroġ aktar fil-perspettiva tiegħu. Ġieli wkoll, it-tħaddim tal-kontrapunt u għodod mużikali oħra ma jonqsux f'xogħol simili. Naf li forsi qed inkun wisq tekniku, imma biex nuri li innijiet simili jkunu xi ftit jew wisq kumplessi, u jingħaddu bħala xogħlijiet kbar.

**Il-marċ 'Il-Famuża Koppla' jibqa' wieħed memorabbli u fost l-isbaħ, jekk mhux ukoll l-isbaħ wieħed li qatt ħareġ mill-pinna tiegħu**

**Dan it-tagħrif żgur li għandu jinteressa lid-dilettanti tal-mużika. Iżda min kien Mro Willie Attard?**

Attard kien mill-Ħamrun, u xbajt ngħid fl-artikli kollha li nikteb fl-kotba tal-festa li twieled fil-11 ta' Mejju tal-1899, u mhux qabel jew wara. Huwa kien it-tieni wild fost erba' aħwa ta' Beneditt u Maria Vella. L-ewwel tagħlim mużikali ħadu mingħand Miruzzi stess, u ħareġ idoqq bil-kwartin mal-Banda Ġużeppina Ħamruniża ta' seba' snin. Aktar tard huwa ngħaqad bil-klarinett mal-King's Own Malta Regiment of Milizia, u bis-sassofonu mal-Banda La Valette, fejn anki ġieli daqq solo taħt Mro Cardenio Botti. Wara li spiċċa mill-militar, kompla jistudja l-mużika taħt diversi surmastrijiet magħrufin, kiseb żewġ ċertifikati ta' barra, sa rebaħ gari internazzjonali.

Ftit wara li laħaq surmast direttur tal-banda ta' pajjiżu fl-1928, waqqaf l-orkestra L'Unione, u dam imexxiha għal ħames snin, meta mbagħad kellu jwaqqafha minħabba l-ħafna impenji li kien beda jkollu, fosthom il-Banda De Rohan ta' Ħaż-Żebbuġ, li tagħha dam biss xi ftit xhur, u l-oħra La Vittoria tal-Mellieħa, li magħha dam snin twal, sa ma mbagħad, fl-1957, bla mistenni, kellu jirtira minħabba saħħtu. F'din l-istess sena huwa kellu jwaqqaf ukoll ħidmietu minn mal-Banda Ġużeppina Ħamruniża u l-Leone t'Għawdex. Wara l-Gwerra Attard kien waqqaf ukoll l-Orkestra Mandolinistika San Ġużepp fi ħdan l-istess Soċjetà, imma sfaxxat wara ftit snin. Iżda għad li kien irtirat ġewwa daru għall-bqija ta' ħajtu, Attard qatt ma rrifjuta t-talbiet li minn żmien għal ieħor kienu jagħmlulu xi każini tal-banda. Il-familja u l-mużika kienu l-mimmi t'għajnejh u baqa' jħobbhom salaħħar nifs ta' ħajtu, li kien fl-għodwa tat-3 ta' Marzu 1970.



minn
**Joe Chetcuti**

Attard kien miżżewweġ lis-Sengleana Maria Cachia, u kellhom sitt ulied, tlieta bniet u tlieta subien, fosthom il-Kaptan Twanny li ħareġ mużiċist bħal missieru.

**Fil-bidu tal-intervista semmejt xi xogħlijiet tiegħu, iżda ħafna huma d-dilettanti tal-marċi tal-festa li jafu b'ta' Attard, fosthom l-immortali 'Il-Famuża Koppla', li għamel hit kbira mal-baned Maltin u Għawdxin.**

M'hemmx dubju li minbarra d-direzzjoni u t-tagħlim lill-alljievi, Attard kien ukoll jirranġa għall-baned ħafna mużika operistika, u għadd imdaqqas ta' marċi, li jekk ma tkunx tirriċerka fuqhom, ma tkunx taf bihom, fejn ħafna minnhom kitibhom minn wara l-Gwerra sa ma rtira. Ngħidu aħna, għall-Banda Ġużeppina Ħamruniża




Il-marċ tant magħruf 'Il-famuża koppla' li ħareġ mill-pinna ta' Mro Willie Attard

# Kontribut biex il-mużika f'pajjiżna kompliet tistagħna

kien aktarx joħroġ tnejn kull sena għall-festa titulari: 'Our Feast' u 'Aureola' (1946), li wieħed minnhom, sena wara, fl-okkażjoni tar-raba' ċentinarju mill-mewt tal-Qaddis, kellu jsir il-famuż innu marċ 'San Gejtanu', versi ta' Carlo Satariano; 'Marche Chinoise' u 'Benedicta Maria', li mbagħad sar jismu 'Triumphat' (1947); 'Progess', marċ Orjentali, 'Rebba' u 'Madrid' (1948); 'Yokohama', marċ Orjentali, 'Mary Cas!', marċ karatteristiku, u 'Sevilla', marċ Spanjol ta' Jose Migoya, b'arranġament t'Attard (1949); 'Climax' u 'Willard' (1950); 'Marlene' u 'Market Scene', marċ Orjentali (1951); 'Cesidiano' u 'Agnesina' (1952); 'Queen Elisabeth II' u 'Hindoo-Song' (1953); 'Maria Dolores' u 'Ġużeppina' (1955); 'Tiene' u 'Il-Famuża Koppla' (1956), ovvjament fl-okkażjoni tal-koppla l-ġdida tal-knisja parrokkjali tal-Ħamrun; u 'St. Luke's', naturalment għax kien spiċċa rikoverat fl-imsemmi sptar. Kiteb marċi sbieħ ukoll għall-baned l-oħrajn li semmejna. Marċi ta' qabel il-Gwerra ftit insibu tiegħu, forsi l-aktar tnejn famużi huma l-Innu tal-Banda La Vittoria (1932), versi tal-ispiżjar Carmelo Debono Vella, fl-okkażjoni tal-ġublew tal-fidda, u l-Innu tal-Banda San Ġużepp (1939), versi tal-avukat Anton Buttigieg, f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħha. Attard kiteb ukoll l-innu marċ 'San Gabriel' għall-Banda ta' Ħal Balzan li ġġib l-istess isem. Lill-banda Mellieħija kien kitbilha wkoll innu ieħor f'għeluq il-50 sena mit-twaqqif tagħha fl-1957, li iżda ma laħaqx idderieġa minħabba saħħtu.

**Minbarra dawn il-marċi brijużi kollha li għadek kif semmejtilna, Attard kiteb xogħlijiet oħrajn f'xi ġeneru ieħor?**

Dażgur li kiteb. Għad li l-output tiegħu kien jikkonsisti l-aktar f'ħafna marċi brijużi, minħabba wkoll li l-Ħamruniżi jħobbu l-briju, dawk funebri ftit li xejn kiteb. Forsi waħda mir-raġunijiet hi l-fatt li fil-Ħamrun, raħal twelidu, ma toħroġx il-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira, imma ssir biss il-festa devota tad-Duluri mingħajr daqq ta' trombi, u l-pellegrinaġġ bl-istatwa mirakoluża tar-Redentur. L-aktar wieħed magħruf fosthom huwa 'Alla Memoria di Francesco Portelli' għall-Banda Leone, direttament ispirat mit-traġedja ta' Ħondoq ir-Rummien tat-30 ta' Ottubru, 1948. Marċi oħrajn jinkludu: 'La Morte del Mio Padre', 'Lacrime e Fiori', 'Stabat Mater', 'Venerdì Santo', u 'Mater Dolorosa', li jiftaħ b'battuti mill-'Innu tal-Passjoni'.



Mro Manoel Pirotta

**Il-familja u l-mużika kienu l-mimmi t'għajnejh u baqa' jħobbhom sal-aħħar nifs ta' ħajtu, li kien fl-għodwa tat-3 ta' Marzu 1970**

Għall-Banda Għawdxija kiteb ukoll għadd sabiħ ta' innijiet reliġjużi, ħafna minnhom Marjani, peress li hemmhekk jiċċelebraw l-Assunta: l-innu marċ 'Ferriħija Jdoqqu l-Qniepen' (1946), versi ta' Koli Apap, li kien segretarju tal-British Institute f'Għawdex bejn l-1946 u l-1950; l-innu marċ 'Ifraħ, Ifraħ, Belt tas-Sema' (1947), versi ta' Giuseppe Serafin Cutajar; u l-marċ reliġjuż 'Reġina tal-Paċi' (1956).

Xi xogħlijiet bikrin tiegħu, fosthom il-fantasija melodika 'Cuor d'Artista' u l-marċ 'Patria Nostra', kienu saħansitra rebbħuh gran diploma u midalja f'konkors mużikali internazzjonali fil-bidu tal-karriera tiegħu bħala surmast direttur mal-Banda Ġużeppina Ħamruniża. Xogħlijiet bikrin oħra jinkludu: il-marcia 'L'Unione' (1926), aktarx l-ewwel biċċa xogħol li qatt kiteb; il-preludju 'Alla Moda'; il-marċ militari 'Maria' (1929), li huwa ddedika lill-ġenituri tiegħu, u oħrajn bħal 'Speranza' (1929), 'Sentimentale' u 'Giorno di Festa'; l-overtura 'Un Saluto a Malta' (1933); 'Danza Orientale'; kif ukoll żewġ omaġġi: 'Alla Filar. S. Giuseppe' (1929) u 'Alla Vittoria' (1933).

**Iżda naħseb li l-aktar xogħol magħruf tiegħu jibqa' l-marċ 'Il-Famuża Koppla' u nixtieq nagħlaq din l-intervista ferm interessanti billi tkellimna ftit dwaru.**

Dan il-marċ inzerta kitbu fil-mument propizju fl-okkażjoni tal-inawgurazzjoni tal-koppla l-ġdida tal-knisja parrokkjali tal-Ħamrun li saret fis-7 ta' Awwissu, 1956. Il-poplu Ħamruniż kien ilu żmien twil ħafna jistenna biex jaraha mibnija minn meta nfetħet u tbierket il-knisja fl-1875. Kien bis-saħħa u tħabrik tal-Kappillan Dun Nerik Cordina Perez, li wara tant taħbit u taqtigħ il-qalb, irnexxielu jibni din il-koppla maestuża, u li għaliha saru festi kbar. Il-koppla tbierket u ġiet inawgurata minn Mons. Arċisqof Mikiel Gonzi, filwaqt li fuq barra nżammu żewġ programmi vokali u strumentali miż-żewġ baned Ħamruniżi.

Wieħed irid jifhem li għal bniedem bħal Attard, imwieled ferm qabel telgħet il-koppla, li trabba u għex il-Ħamrun, il-knisja jiftakarha dejjem mingħajrha. Tistgħu timmaġinaw għalhekk, hu u l-bqija tal-poplu Ħamruniż, x'ferħ u sodisfazzjon kbir ħassew f'qalbhom fil-mument li nkixfet il-koppla. U biex żgur din il-ġrajja tibqa' mnaqqxa f'moħħ kull Ħamruniż, Attard kiteb dan il-marċ memorabbli, li hu wieħed fost l-isbaħ, jekk mhux ukoll l-isbaħ wieħed li qatt ħareġ mill-pinna tiegħu, u li bla dubju ta' xejn jimmarka l-apiċe fil-karriera mużikali twila tiegħu. 'Il-Famuża Koppla' kien iżżanżan proprju waqt programm ta' marċi għodda li l-Banda Ġużeppina Ħamruniża wettqet lejlet u nhar il-festa fil-11 u t-12 ta' Awwissu rispettivament. F'Għawdex ukoll, dan il-marċ hu magħruf bħala 'Il-Famuża Telgħa' mal-partitarju tal-Iljun.

*Prosit tassew Surmast tal-informazzjoni li tajtna fuq Mro Willie Attard fl-okkażjoni ta' għeluq il-50 sena minn mewtu. F'ismi u f'isem il-qarrejja kollha ta' 'il-mument' nirringrazzjak tal-kontribut ferm siewi tiegħek fejn jidħlu tagħrif u riċerka fuq surmastrijiet tal-banda mgħoddija li taw sehemhom biex il-mużika f'pajjiżna setgħet tkompli tistagħna.*